Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 170/2013

tal-25 ta' Frar 2013

li jistipula miżuri ta' tranżizzjoni fis-settur taz-zokkor minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja

(ĠU L 55, 27.2.2013, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 50/2014 tal-20 ta' Jannar 2014	L 16	11	21.1.2014

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 170/2013

tal-25 ta' Frar 2013

li jistipula miżuri ta' tranżizzjoni fis-settur taz-zokkor minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikoli 41, 16 tiegħu flimkien mal-punt 4 tat-Taqsima 3(a) tal-Anness IV tiegħu u l-Artikolu 18 tiegħu flimkien mal-Parti II tat-Taqsima 4 tal-Anness V tiegħu,

Billi:

(1) Ir-regoli li jikkonċernaw l-arranġamenti tal-produzzjoni u l-kummerċ tas-suq taz-zokkor imdaħħla fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]) permezz tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, għandhom ikunu applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013, soġġetti għad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-Adeżjoni f'dik id-data. Madanakollu, għas-sena tas-suq 2012/2013, il-produzzjoni kollha taz-zokkor tal-pitravi fil-Kroazja tkun ġiet prodotta skont l-arranġamenti nazzjonali. Għalhekk miżuri ta' tranżizzjoni huma meħtieġa biex ibiddlu l-arranġamenti għall-produzzjoni u l-kummerċ li bħalissa huma fis-seħħ fil-Kroazja għal dawk provduti fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Minħabba f'hekk, id-dispożizzjonijiet fuq il-prezzijiet minimi taz-zokkor tal-pitravi, il-ftehimiet inter-professjonali, l-imposta fuq il-produzzjoni, is-sistema tal-kwota u l-allokazzjoni tal-kwota provduti skont l-Artikoli 49, 50, 51, 55(1)(b) u 56 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma għandhomx japplikaw għall-Kroazja fis-sena tas-suq 2012/2013.

(2) F'konformità mal-Att tal-Adeżjoni, għall-Kroazja ġiet riżervata kwota annwali tal-importazzjoni ta' 40 000 tunnellata zokkor tal-kannamieli mhux maħdum biex jiġi raffinat, b'dazju tal-importazzjoni ta' EUR 98 għal kul tunnellata, għal perjodu taż-żmien mhux aktar minn tliet snin tas-suq.

(3) Il-liċenzji tal-importazzjoni li nħarġu taħt il-kwoti tariffarji miftuħin permezz ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu riżervati għal raffinaturi full-time approvati fil-Kroazja.

(4) Hemm riskju konsiderevoli ta' tfixkil fis-swieq tas-settur taz-zokkor minn prodotti li qed jiġu introdotti fil-Kroazja qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni għal raġunijiet ta' spekulazzjoni. Għalhekk għandhom isiru dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni sabiex jiġu evitati tali movimenti spekulattivi jew tfixkil ieħor tas-suq. Regoli speċifiċi huma meħtieġa sabiex jitqiesu l-partikolaritajiet tas-settur taz-zokkor.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

▼B

(5) Għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex iżommu l-operaturi milli jevitaw l-applikazzjoni ta' imposti fuq ċerti prodotti taz-zokkor li qegħdin f'ċirkulazzjoni libera billi jpoġġu prodotti li diġà ġew rilaxxati għal ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni kif kostitwit fit-30 ta' Ġunju 2013 jew fil-Kroazja qabel l-adeżjoni tagħha taħt reġim sospensiv, f'ħażna temporanja jew skont wieħed mit-trattamenti jew proċeduri msemmija fl-Artikoli 4(15)(b) u (16)(b) sa (g) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1])

(6) F'konformità mal-Att tal-Adeżjoni, għall-kwantitajiet ta' stokkijiet taz-zokkor jew l-isoglukożju li jaqbżu r-riport normali tal-ħażna, il-Kroazja għandha tiġi mmultata bi ħlas għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

(7) Id-determinazzjoni tal-ħażniet żejda għandha ssir mill-Kummissjoni abbażi ta' żviluppi kummerċjali u xejriet tal-produzzjoni u l-konsum fil-Kroazja matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2013. Għal dik id-determinazzjoni, minbarra z-zokkor u l-isoglukożju, għandhom jitqiesu wkoll prodotti oħrajn b'kontenut sinifikanti ekwivalenti għal zokkor miżjud billi dawn jaf ikunu wkoll miri possibbli ta' spekulazzjoni. Meta l-kwantità żejda ddeterminata taz-zokkor u l-isoglukożju ma titneħħiex mis-suq tal-Unjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014, il-Kroazja għandha tkun responsabbli finanzjarjament għall-kwantità rilevanti.

(8) Il-multa imposta fuq il-Kroazja għandha tirrifletti l-kost relatat mal-effetti tal-istokkijiet żejda fis-suq taz-zokkor tal-Unjoni. Għalhekk, l-ammont li għandu jiġi impost fuq il-Kroazja u assenjat lill-baġit tal-Unjoni jekk l-istokkijiet żejda ma jitneħħewx, għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-ogħla differenza pożittiva bejn il-prezz medju tas-suq taz-zokkor tal-Unjoni u l-prezz tas-suq dinji taz-zokkor abjad matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Ottubru 2014, b'żieda ta' EUR 50 għal kull tunnellata. L-ammont ta' EUR 50 għal kull tunnellata jikkorrispondi mad-devjazzjoni standard fil-prezzijiet fl-Istati Membri mill-prezz medju tal-Unjoni għaz-zokkor abjad matul l-aħħar 12-il xahar. Għalhekk, dik iż-żieda hija meħtieġa sabiex tqis li l-prezzijiet taz-zokkor abjad f'reġjuni differenti tal-Unjoni jistgħu jvarjaw mill-medja fix-xahar ippubblikata mill-Kummissjoni. Għall-fini ta' dan il-kalkolu, il-medja fix-xahar tal-kwotazzjonijiet fis-suq tal-futuri taz-zokkor abjad Nru 5 ta' Londra għall-eqreb xahar tal-kunsinna li matulu l-kummerċ taz-zokkor abjad huwa possibbli, għandha titqies bħala l-prezz tas-suq dinji.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼B

(9) Huwa fl-interess kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Kroazja li ma jħallux stokkijiet żejda jakkumulaw u li fi kwalunkwe każ ikunu jistgħu jidentifikaw dawk l-operaturi involuti f'movimenti kbar ta' kummerċ spekulattiv. Għal dan il-għan il-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013 għandu jkollha fis-seħħ sistema li tippermetti l-identifikazzjoni ta' dawn l-operaturi jew l-individwi responsabbli għal tali żviluppi. Din is-sistema għandha tippermetti lill-Kroazja tidentifika l-operaturi ekonomiċi li kkontribwixxew għal stokkijiet żejda privati bil-ħsieb li kemm jista' jkun possibbli tirkupra kwalunkwe imposta mħallsa lill-baġit tal-Unjoni. Il-Kroazja għandha tuża din is-sistema biex iġġiegħel lill-operaturi identifikati jneħħu l-kwantitajiet individwali tal-ħażniet żejda tagħhom mis-suq tal-Unjoni. Meta l-operaturi responsabbli mill-istokk żejjed privat ma jkunux jistgħu jagħtu prova xierqa li jkunu neħħewhom, ikun hemm bżonn li l-Kroazja timponi ammont lil tali operaturi. Huwa xieraq li tiffissa tali ammont f'livell għoli biżżejjed sabiex tikkonvinċi lill-operaturi kkonċernati biex ma jippreservawx l-istokkijiet żejda privati tagħhom u b'hekk jevitaw ir-riskji kollha tal-akkumulazzjoni tal-ħażniet fil-Kroazja. Għal raġunijiet ta' konsistenza, l-ammont impost mill-Kroazja għal stokkijiet żejda identifikati għandu jkun EUR 500 għal kull tunnellata (f'ekwivalenti għaz-zokkor abjad jew ekwivalenti għall-materja xotta) għall-istokkijiet żejda li ma jitneħħewx. Dan huwa l-istess ammont stabbilit għall-imposta pprovduta fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 fir-rigward produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota ([1]) Filwaqt li kemm l-operaturi ekonomiċi kif ukoll l-unitajiet domestiċi jistgħu jikkontribwixxu għall-istokkijiet żejda privati, wisq probabbli dawn ikunu l-operaturi, u mhuwiex fattibbli li l-unitajiet domestiċi jintalbu jikkontribwixxu għal dak l-ammont.

(10) Għad-determinazzjoni ta' stokkijiet żejda u għat-tneħħija tal-istokkijiet żejda identifikati, il-Kroazja għandha tipprovdi lill-Kummissjoni l-iktar statistiċi reċenti dwar il-kummerċ, il-produzzjoni u l-konsum tal-prodotti kkunsidrati, kif ukoll prova li l-ħażniet żejda identifikati tneħħew mis-suq sal-iskadenza li għandha tiġi ffissata mill-Kummissjoni.

(11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 176, 30.6.2006, p. 22.

▼B

KAPITOLU I

MIŻURI TA' TRANŻIZZJONI FID-DAWL TAL-ADEŻJONI TAL-ROAZJA

TAQSIMA 1

Applikabbiltà tal-OKS unika fis-settur taz-zokkor

Artikolu 1

Applikabbiltà ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

L-Artikoli 49, 50, 51, 55(1)(b) u 56 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma għandhomx japplikaw għall-Kroazja għas-sena tas-suq 2012/2013.

Madanakollu, l-Artikolu 56 għandu japplika fir-rigward tal-allokazzjoni fl-2013 tal-kwota nazzjonali li se tapplika mis-sena tas-suq 2013/2014.

TAQSIMA 2

Il-ftuħ tal-kwoti tariffarji għar-raffinar

Artikolu 2

Il-ftuħ tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni taz-zokkor tal-kannamieli mhux maħdum għar-raffinar

1. Għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2013, kwota tariffarja ta' 40 000 tunnellata għall-importazzjoni ta' zokkor tal-kannamieli mhux maħdum minn kwalunkwe pajjiż terz biex jiġi raffinat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 14 10, għandha tinfetaħ b'dazju ta' EUR 98 għal kull tunnellata.

2. Għal kull sena tas-suq 2013/2014 u 2014/2015, kwota tariffarja ta' 40 000 tunnellata għall-importazzjoni ta' zokkor tal-kannamieli mhux maħdum minn kwalunkwe pajjiż terz biex jiġi raffinat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 14 10, għandha tinfetaħ b'dazju ta' EUR 98 għal kull tunnellata.

3. Il-kwantitajiet importanti skont dan ir-Regolament għandu jkollhom in-numru tal-ordni: 09.4367.

Artikolu 3

Applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 ([1])

Ir-regoli dwar il-liċenzji tal-importazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Unjoni fis-settur taz-zokkor stipulati fir-Regolament (KE) Nru 891/2009 għandhom japplikaw għall-importazzjoni taz-zokkor skont il-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament preżenti, sakemm l-Artikolu 4 ma jipprovdix mod ieħor.

([1]) ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

▼B

Artikolu 4

Liċenzji tal-importazzjoni

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) għandhom jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jistgħu jitressqu biss minn raffinaturi full-time, stabbiliti fit-territorju tal-Kroazja u li huma approvati skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. B'deroga mill-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 891/2009, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni fir-rigward tal-kwantità msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu jibdew jitressqu biss mill-1 ta' Lulju 2013.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-liċenzji għandu jkollhom l-annotazzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-kaxxi 17 u 18: il-kwantitajiet ta' zokkor mhux maħdum li ma jistgħux jaqbżu l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) u (2);

(b) fil-kaxxa 20: għall-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness;

(c) fil-kaxxa 24 (fil-każ tal-liċenzji): għall-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-Parti B tal-Anness.

5. Il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament għandhom ikunu validi għall-importazzjonijiet fil-Kroazja. Dawn għandhom ikunu validi:

(a) sal-31 ta' Jannar 2014 fir-rigward tal-kwota tariffarja msemmija fl-Artikolu 2(1);

(b) sa tmiem is-sena tas-suq ikkonċernata fir-rigward tal-kwota tariffarja msemmija fl-Artikolu 2(2).

KAPITOLU II

MIŻURI TA' TRANŻIZZJONI BIEX JIĠU EVITATI L-ISPEKULAZZJONI U -TFIXKIL TAS-SUQ

Artikolu 5

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "zokkor" tfisser:

(i) zokkor tal-pitravi u tal-kannamieli, f'forma solida, li jaqa' taħt il-Kodiċi NM 1701;

(ii) ġulepp taz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1702 60 95 u 1702 90 95;

(iii) ġulepp taz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1702 60 80 u 1702 90 80;

(b) "isoglukożju" tfisser il-prodott li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1702 30 10, 1702 40 10, 1702 60 10, 1702 90 30 u 2106 90 30;

▼B

(c) “prodotti proċessati” tfisser prodotti li għandhom kontenut ekwivalenti ta’ zokkor/zokkor miżjud li jaqbeż l-10 %, li jirriżultaw millipproċessar ta’ prodotti agrikoli;

(d) “fruttożju” tfisser fruttożju kimikament pur li jaqa’ taħt il-kodiċi NM 1702 50 00.

TAQSIMA 1

Prodotti li jaqgħu taħt trattamenti u proċeduri doganali partikolari fid-data tal-adeżjoni

Artikolu 6

Ir-reġim sospensiv

B’deroga mit-Taqsima 5 tal-Anness IV tal-Att tal-Adeżjoni, prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1701, 1702, 1704, 1904, 1905, 2006, 2007, 2009, 2105 u 2202, li jinsabu f’ħażna temporanja msemmija fl-Artikoli 50 u 51 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, jew taħt wieħed mit-trattamenti jew proċeduri doganali msemmija fl-Artikoli 4(15)(b) u (16)(b) sa (g) ta’ dak ir-Regolament fil-Kroazja fl-1 ta’ Lulju 2013, għandu jiġi impost fuqhom id-dazju tal-importazzjoni skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]) u kull dazju applikabbli fid-data li fiha jinħoloq id-dejn doganali.

TAQSIMA 2

Kwantitajiet żejda

Artikolu 7

Id-determinazzjoni ta’ kwantitajiet żejda

1. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina sa mhux aktar tard mill-►**M1** 30 ta’ Settembru 2014 ◄, għall-Kroazja, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007:

(a) il-kwantità taz-zokkor innifsu jew fi prodotti pproċessati (l-ekwivalenti f’zokkor abjad);

(b) il-kwantità tal-isoglukożju (materja xotta);

(c) il-kwantità ta’ fruttożju;

li jaqbeż il-kwantità meqjusa bħala r-riport normali tal-ħażna fl-1 ta’ Lulju 2013 u li għandha titneħħa mis-suq a skapitu tal-Kroazja.

2. Sabiex jiġu ddeterminati dawn il-kwantitajiet żejda msemmija fil-paragrafu 1, għandu jitqies, b’mod partikolari, l-iżvilupp li sar bejn l-1 ta’ Lulju 2012 u t-30 ta’ Ġunju 2013, meta mqabbla mat-tliet snin ta’ qabel mill-1 ta’ Lulju 2009 sat-30 ta’ Ġunju 2012, ta’:

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

▼B

(a) il-kwantitajiet importati jew esportati taz-zokkor innifsu jew fi prodotti pproċessati, l-isoglukożju u l-fruttożju;

(b) il-produzzjoni, il-konsum u l-ħażniet taz-zokkor u l-isoglukożju;

(c) iċ-ċirkostanzi li fihom ġew akkumulati l-ħażniet.

Artikolu 8

L-identifikazzjoni tal-kwantitajiet żejda fil-livell ta' operaturi

1. Fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja, għandu jkollha fis-seħħ sistema għall-identifikazzjoni fil-livell ta' operaturi, tal-kwantitajiet żejda negozjati jew prodotti taz-zokkor innifsu jew fi prodotti pproċessati, l-isoglukożju jew il-fruttożju. Din is-sistema għandha b'mod partikolari tistrieħ fuq it-traċċar tal-importazzjonijiet, il-monitoraġġ fiskali, l-istħarriġiet abbażi tal-kontijiet u l-inventarji fiżiċi tal-operaturi, u tinkludi miżuri bħall-garanziji ta' riskju u l-liċenzji tal-importazzjoni.

Is-sistema tal-identifikazzjoni għandha tkun tissejjes fuq valutazzjoni tar-riskju li b'mod partikolari tqis sew il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tip ta' attività tal-operaturi kkonċernati;

(b) il-kapaċità tal-faċilitajiet tal-ħażna;

(c) id-daqs tal-attività ekonomika.

2. Il-Kroazja tuża s-sistema tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 sabiex iġġiegħel l-operaturi kkonċernati jneħħu mis-suq, a skapitu tagħhom stess, kwantità ta' zokkor jew isoglukożju li tkun ekwivalenti għall-kwantità żejda individwali tagħhom.

Artikolu 9

It-tneħħija ta' kwantitajiet żejda

1. Il-Kroazja għandha tiżgura, mingħajr l-intervent tal-Unjoni, it-tneħħija mis-suq ta' kwantità ta' zokkor jew isoglukożju li tkun l-istess bħall-kwantità żejda msemmija fl-Artikolu 7(1), sa mhux iktar tard mill-►M1 30 ta' Ġunju 2015 ◄.

2. It-tneħħija ta' kwantitajiet żejda ddeterminati skont l-Artikolu 7 għandha ssir mingħajr għajnuna tal-Unjoni, permezz tal-metodi li ġejjin:

(a) l-esportazzjoni mill-Unjoni minn operaturi identifikati, mingħajr appoġġ nazzjonali;

(b) l-użu fis-settur tal-kombustibbli;

(c) denaturazzjoni mingħajr għajnuna għall-għalf tal-annimali skont it-Titoli III u IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 100/72 ([1]).

([1]) ĠU L 12, 15.1.1972, p. 15.

▼B

Artikolu 10

L-ammont li għandu jiġi impost f'każ ta' kwantitajiet żejda

Meta l-kwantitajiet totali ddeterminati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(1) jaqbżu l-kwantitajiet totali msemmija fl-Artikolu 8, il-Kroazja tiġi imposta ammont daqs id-differenza bejn dawk iċ-ċifri (f'ekwivalent ta' zokkor abjad jew materja niexfa) immultiplikat bl-akbar differenza pożittiva bejn il-prezz medju tas-suq taz-zokkor tal-Unjoni rrappurtat fix-xahar skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 952/2006 ([1]) u l-kwotazzjoni medja fix-xahar, ekwivalenti f'EUR, ta' zokkor abjad osservat fis-suq tal-futuri taz-zokkor abjad Nru 5 ta' Londra għall-eqreb terminu matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-►**M1** 30 ta' Ġunju 2015 ◄. Dan l-ammont għandu jiżdied b'EUR 50 għal kull tunnellata. L-ammont impost għandu jiġi assenjat lill-baġit tal-Unjoni sa mhux iktar tard mit-►**M1** 29 ta' Frar 2016 ◄.

Artikolu 11

Il-provi tat-tneħħija mill-operaturi

1. Sa mhux aktar tard mill-►**M1** 30 ta' Settembru 2015 ◄, l-operaturi kkonċernati għandhom jipprovdu l-provi, li jissodisfaw lill-Kroazja, li skont l-Artikolu 9(2), u a skapitu tagħhom stess, neħħew il-kwantitajiet żejda individwali tagħhom taz-zokkor u tal-isoglukożju identifikati bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8.

2. Meta z-zokkor jew l-isoglukożju jitneħħa skont l-Artikolu 9(2)(a), il-prova tat-tneħħija għandha tkun tikkonsisti minn:

(a) il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 ([2]) u (KE) Nru 376/2008 ([3]);

(b) id-dokumenti rilevanti msemmija fl-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 li huma meħtieġa għar-rilaxx tal-garanzija.

L-applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi l-indikazzjoni li ġejja fit-Taqsima 20:

"għall-esportazzjoni skont l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 170/2013"

Il-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tinkludi l-indikazzjoni li ġejja fit-Taqsima 22:

"għall-esportazzjoni mingħajr rifużjoni … (il-kwantità li għaliha nħarġet din il-liċenzja) kg"

Il-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun valida mid-data tal-ħruġ tagħha sal-►**M1** 30 ta' Ġunju 2015 ◄.

3. Jekk ma tingħatax prova tat-tneħħija skont il-paragrafi 1 u 2, il-Kroazja, għandha timmulta lill-operatur ikkonċernat b'ammont daqs il-kwantità żejda individwali, identifikata permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8, immultiplikata b'EUR 500 għal kull tunnellata (f'ekwivalenti ta' zokkor abjad jew materja xotta). Dan l-ammont għandu jiġi assenjat lill-baġit nazzjonali tal-Kroazja.

([1]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 39.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

▼B

Artikolu 12

Prova tat-tneħħija mill-Kroazja

1. Sa mhux aktar tard mit-►M1 31 ta' Ottubru 2015 ◄, il-Kroazja għandha tagħti prova lill-Kummissjoni li l-kwantità żejda msemmija fl-Artikolu 7(1) tneħħiet mis-suq tal-Unjoni skont il-metodi msemmija fl-Artikolu 9(2) u għal kull metodu għandha tispeċifika l-kwantità mneħħija.

2. Jekk il-prova tat-tneħħija mis-suq tal-Unjoni ma tingħatax skont il-paragrafu 1, għall-kwantità żejda kollha jew parti minnha, il-Kroazja tiġi mmultata ammont daqs il-kwantità li ma tneħħietx (f'ekwivalenti ta' zokkor abjad jew materja xotta) immultiplikata bl-akbar differenza pożittiva bejn il-prezz medju tas-suq taz-zokkor tal-Unjoni rrappurtat fix-xahar skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 u l-kwotazzjoni medja fix-xahar, ekwivalenti f'EUR, taz-zokkor abjad osservat fis-suq tal-futuri taz-zokkor abjad Nru 5 ta' Londra għall-eqreb terminu matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-►M1 30 ta' Ġunju 2015 ◄. Dan l-ammont għandu jiżdied b'EUR 50 għal kull tunnellata. Kull ammont immultat skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament għandu jitnaqqas mill-ammont totali li jirriżulta.

Dan l-ammont għandu jiġi assenjat lill-baġit tal-Unjoni sa mhux iktar tard mit-►M1 29 ta' Frar 2016 ◄.

L-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu u fl-Artikolu 10 għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 sa mhux aktar tard mit-►M1 31 ta' Diċembru 2015 ◄ abbażi tal-komunikazzjonijiet li jkunu saru mill-Kroazja skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 13

Kontroll

1. Il-Kroazja għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tistabbilixxi b'mod partikolari l-proċeduri ta' kontroll meħtieġa biex titneħħa l-kwantità żejda msemmija fl-Artikolu 7(1).

2. Il-Kroazja għanda tikkomunika lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2013:

(a) l-informazzjoni dwar is-sistema stabbilita għall-identifikazzjoni ta' kwantitajiet żejda msemmija fl-Artikolu 8;

(b) il-kwantitajiet ta' zokkor, isoglukożju, fruttożju u prodotti pproċessati importati u esportati fix-xahar għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2013, ikkommunikati separatament għall-importazzjonijiet minn u għall-esportazzjonijiet lejn:

(i) l-Unjoni kif kostitwit fit-30 ta' Ġunju 2013;

(ii) pajjiżi terzi;

(c) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2013, il-kwantitajiet ta' zokkor u ta' isoglukożju prodotti kull sena, imqassma, skont il-każ, skont il-produzzjoni taħt il-kwota u barra mill-kwota, raffinati minn zokkor mhux maħdum importat u kkunsmati kull sena;

(d) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2013, il-ħażniet ta' zokkor u isoglukożju miżmuma fl-1 ta' Lulju ta' kull sena.

▼B

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONI FINALI

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ soġġett għal, u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

PARTI A

L-annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(4)(b)

— *bil-Bulgaru:* Преференциална сурова тръстикова захар за рафиниране, внесена в съответствие с член 2 от Регламент за изпълнение (ЕС) № 170/2013. Пореден номер (поредният номер, който трябва да се впише в съответствие с член 2, параграф 3 от посочения регламент)

— *bl-Ispanjol:* Azúcar de caña en bruto preferencial, que se destine al refinado, importado de conformidad con el artículo 2 del Reglamento de Ejecución (UE) nº 170/2013. Nº de orden (el número de orden se insertará de conformidad con lo dispuesto en el artículo 2, apartado 3, de dicho Reglamento)

— *biċ-Ċek:* Preferenční surový třtinový cukr určený k rafinaci, dovezený podle článku 2 prováděcího nařízení (EU) č. 170/2013. Pořadové číslo (pořadové číslo se vloží v souladu s čl. 2 odst. 3 uvedeného nařízení)

— *bid-Daniż:* Præferencerårørsukker til raffinering, importeret i henhold til artikel 2 i gennemførelsesforordning (EU) nr. 170/2013. Løbenummer (der indsættes løbenummer i overensstemmelse med artikel 2, stk. 3, i nævnte forordning)

— *bil-Ġermaniż:* Präferenzrohrohrzucker zur Raffination, eingeführt gemäß Artikel 2 der Durchführungsverordnung (EU) Nr. 170/2013. Laufende Nummer (gemäß Artikel 2 Absatz 3 der genannten Verordnung einzusetzen)

— *bl-Estonjan:* Sooduskorra alusel rakendusmääruse (EL) nr 170/2013 artikli 2 kohaselt imporditav rafineerimiseks ettenähtud toor-roosuhkur. Seerianumber (märgitakse vastavalt kõnealuse määruse artikli 2 lõikele 3)

— *bil-Grieg:* Προτιμησιακή ακατέργαστη ζάχαρη ζαχαροκάλαμου για ραφινάρισμα, που εισάγεται σύμφωνα με το άρθρο 2 του εκτελεστικού κανονισμού (ΕΕ) αριθ. 170/2013. Αύξων αριθμός (συμπληρώνεται ο αύξων αριθμός σύμφωνα με το άρθρο 2 παράγραφος 3 του εν λόγω κανονισμού)

— *bl-Ingliż:* Preferential raw cane sugar for refining, imported in accordance with Article 2 of Implementing Regulation (EU) No 170/2013. Order No (order number to be inserted in accordance with Article 2(3) of that Regulation)

— *bil-Franċiż:* Sucre de canne brut préférentiel destiné au raffinage, importé conformément à l'article 2 du règlement d'exécution (UE) nº 170/2013. Numéro d'ordre (numéro d'ordre à insérer conformément à l'article 2, paragraphe 3, dudit règlement)

— *bit-Taljan:* Zucchero di canna greggio preferenziale destinato alla raffinazione, importato conformemente all'articolo 2 del regolamento di esecuzione (UE) n. 170/2013. Numero d'ordine (inserire in base all'articolo 2, paragrafo 3, del suddetto regolamento)

— *bil-Latvjan:* rafinēšanai paredzēts preferenciāls niedru jēlcukurs, ko importē saskaņā ar Īstenošanas regulas (ES) Nr. 170/2013 2. pantu. Kārtas Nr. (kārtas numuru ieraksta saskaņā ar šīs regulas 2. panta 3. punktu)

▼B

— *bil-Litwan:* Lengvatinėmis sąlygomis pagal Įgyvendinimo reglamento (ES) Nr. 170/2013 2 straipsnį importuotas rafinuoti skirtas žaliavinis cukranendrių cukrus. Eilės Nr. (eilės numeris įrašomas remiantis to reglamento 2 straipsnio 3 dalimi)

— *bl-Ungeriż:* A 170/2013/EU végrehajtási rendelet 2. cikkével összhangban behozott, finomításra szánt kedvezményes nyers nádcukor. Tételszám (tételszám az említett rendelet 2. cikkének (3) bekezdése szerint)

— *bil-Malti:* Zokkor tal-kannamieli preferenzjali mhux maħdum għarraffinar, importat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 170/2013. Nru tal-Ordni (innumru tal-ordni għandu jiddaħħal skont l-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament)

— *bl-Olandiż:* Preferentiële ruwe rietsuiker voor raffinage die wordt ingevoerd overeenkomstig artikel 2 van Uitvoeringsverordening (EU) nr. 170/2013. Volgnummer (volgnummer in te voegen overeenkomstig artikel 2, lid 3, van die verordening)

— *bil-Pollakk:* Preferencyjny surowy cukier trzcinowy przeznaczony do rafinacji, przywieziony zgodnie z art. 2 rozporządzenia wykonawczego (UE) nr 170/2013. Numer porządkowy (numer porządkowy zgodnie z art. 2 ust. 3 wymienionego rozporządzenia)

— *bil-Portugiż:* Açúcar bruto de cana preferencial para refinação, importado em conformidade com o artigo 2.º do Regulamento de Execução (UE) n.º 170/2013. Número de ordem (número de ordem a inserir de acordo com o artigo 2.º, n.º 3, desse regulamento)

— *bir-Rumen:* Zahăr brut preferențial din trestie de zahăr destinat rafinării, importat în conformitate cu articolul 2 din Regulamentul de punere în aplicare (UE) nr. 170/2013. Nr. de ordine [numărul de ordine se va introduce în conformitate cu articolul 2 alineatul (3) din respectivul regulament]

— *bis-Slovakk:* Preferenčný surový trstinový cukor na rafináciu, dovážaný v súlade s článkom 2 vykonávacieho nariadenia (EÚ) č. 170/2013. Poradové č. (poradové číslo sa doplní v súlade s článkom 2 ods. 3 uvedeného nariadenia)

— *bis-Sloven:* Preferencialni uvoz surovega trsnega sladkorja za rafiniranje v skladu s členom 2 Izvedbene uredbe (EU) št. 170/2013. Zaporedna številka (vstaviti v skladu s členom 2(3) navedene uredbe)

— *bil-Finlandiż:* Puhdistettavaksi tarkoitettu etuuskohteluun oikeutettu raaka ruokosokeri, tuotu täytäntöönpanoasetuksen (EU) N:o 170/2013 2 artiklan mukaisesti. Järjestysnumero (järjestysnumero lisätään kyseisen asetuksen 2 artiklan 3 kohdan mukaisesti)

— *bl-Isvediż:* Förmånsrårörsocker för raffinering, importerat i enlighet med artikel 2 i genomförandeförordning (EU) nr 170/2013. Löpnummer (löpnummer ska anges enligt artikel 2.3 i den förordningen)

— *bil-Kroat:* Preferencijalni sirovi šećer od šećerne trske za rafiniranje, uvezen u skladu s člankom 2. Provedbena uredba (EU) br. 170/2013. Redni br. (redni broj treba umetnuti u skladu s člankom 2. stavkom 3. te Uredbe)

▼B

PARTI B

L-annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(4)(c)

— *bil-Bulgaru:* Внос с мито 98 EUR на тон за сурова тръстикова захар за рафиниране със стандартно качество в съответствие с член 2 от Регламент за изпълнение (ЕС) № 170/2013. Пореден номер (поредният номер, който трябва да се впише в съответствие с член 2, параграф 3 от посочения регламент)

— *bl-Ispanjol:* Importación con un derecho de 98 EUR por tonelada de azúcar de caña en bruto de calidad estándar que se destine al refinado, de conformidad con el artículo 2 del Reglamento de Ejecución (UE) nº 170/2013. Nº de orden (el número de orden se insertará de conformidad con lo dispuesto en el artículo 2, apartado 3, de dicho Reglamento)

— *biċ-Ċek:* Dovoz surového třtinového cukru standardní jakosti určeného k rafinaci s clem ve výši 98 EUR za tunu podle článku 2 prováděcího nařízení (EU) č. 170/2013. Pořadové číslo (pořadové číslo se vloží v souladu s čl. 2 odst. 3 uvedeného nařízení)

— *bid-Daniż:* Import til en told på 98 EUR/ton rårørsukker af standard kvalitet til raffinering i henhold til artikel 2 i gennemførelsesforordning (EU) nr. 170/2013. Løbenummer (der indsættes løbenummer i overensstemmelse med artikel 2, stk. 3, i nævnte forordning)

— *bil-Ġermaniż:* Einfuhr zum Zollsatz von 98 EUR je Tonne Rohzucker der Standardqualität gemäß Artikel 2 der Durchführungsverordnung (EU) Nr. 170/2013. Laufende Nummer (gemäß Artikel 2 Absatz 3 der genannten Verordnung einzusetzen)

— *bl-Estonjan:* Vastavalt rakendusmääruse (EL) nr 170/2013 artiklile 2 tollimaksumääraga 98 eurot tonni kohta imporditud rafineerimiseks ette nähtud standardkvaliteediga toorroosuhkur. Seerianumber (märgitakse vastavalt kõnealuse määruse artikli 2 lõikele 3)

— *bil-Grieg:* Εισαγωγή με δασμό 98 ευρώ ανά τόνο ακατέργαστης ζάχαρης ζαχαροκάλαμου του ποιοτικού τύπου για ραφινάρισμα σύμφωνα με το άρθρο 2 του εκτελεστικού κανονισμού (ΕΕ) αριθ. 170/2013. Αύξων αριθμός (συμπληρώνεται ο αύξων αριθμός σύμφωνα με το άρθρο 2 παράγραφος 3 του εν λόγω κανονισμού)

— *bl-Ingliż:* Import at a duty of EUR 98 per tonne of standard-quality raw cane sugar for refining in accordance with Article 2 of Implementing Regulation (EU) No 170/2013. Order No (order number to be inserted in accordance with Article 2(3) of that Regulation)

— *bil-Franċiż:* Importation à un droit de 98 EUR par tonne de sucre de canne brut destiné au raffinage de la qualité type conformément à l'article 2 du règlement d'exécution (UE) nº 170/2013. Numéro d'ordre (numéro d'ordre à insérer conformément à l'article 2, paragraphe 3, dudit règlement)

— *bit-Taljan:* Importazione con un dazio di 98 EUR/t di zucchero di canna greggio della qualità tipo destinato alla raffinazione a norma dell'articolo 2 del regolamento di esecuzione (UE) n. 170/2013. Numero d'ordine (inserire in base all'articolo 2, paragrafo 3, del suddetto regolamento)

— *bil-Latvjan:* rafinēšanai paredzēta standarta kvalitātes niedru jēlcukurs, ko importē saskaņā ar Īstenošanas regulas (ES) Nr. 170/2013 2. pantu, piemērojot nodokļa likmi EUR 98 par tonnu. Kārtas Nr. (kārtas numuru ieraksta saskaņā ar šīs regulas 2. panta 3. punktu)

▼B

— *bil-Litwan:* Importuojama taikant 98 EUR muito mokestį už toną standartinės kokybės rafinuoti skirto žaliavinio cukranendrių cukraus pagal Įgyvendinimo reglamento (ES) Nr. 170/2013 2 straipsnį. Eilės Nr. (eilės numeris įrašomas remiantis to reglamento 2 straipsnio 3 dalimi)

— *bl-Ungeriż:* 98 EUR/tonna vámtételű, finomításra szánt minőségi nyers nádcukor behozatala a 170/2013/EU végrehajtási rendelet 2. cikkével összhangban. Tételszám (az említett rendelet 2. cikkének (3) bekezdése szerint)

— *bil-Malti:* L-importazzjoni b'dazju ta' EUR 98 għal kull tunnellata zokkor tal-kannamieli mhux maħdum ta' kwalità standard għar-raffinar skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 170/2013. Nru tal-Ordni (in-numru tal-ordni għandu jiddaħħal skont l-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament)

— *bl-Olandiż:* Invoerrecht van 98 EUR per ton ruwe rietsuiker van standaardkwaliteit die is bestemd voor raffinage overeenkomstig artikel 2 van Uitvoeringsverordening (EU) nr. 170/2013. Volgnummer (volgnummer in te voegen overeenkomstig artikel 2, lid 3, van die verordening)

— *bil-Pollakk:* Przywóz po stawce celnej 98 EUR za tonę surowego cukru trzcinowego standardowej jakości przeznaczonego do rafinacji zgodnie z art. 2 rozporządzenia wykonawczego (UE) nr 170/2013. Numer porządkowy (numer porządkowy zgodnie z art. 2 ust. 3 wymienionego rozporządzenia)

— *bil-Portugiż:* Importação com direito de 98 EUR por tonelada de açúcar bruto de cana para refinação da qualidade-tipo, conformidade com o artigo 2.º do Regulamento de Execução (CE) n.º 170/2013. Número de ordem (número de ordem a inserir de acordo com o artigo 2.º, n.º 3, desse regulamento)

— *bir-Rumen:* Importat la o taxă de 98 EUR per tonă de zahăr brut din trestie de zahăr de calitate standard destinat rafinării în conformitate cu articolul 2 din Regulamentul de punere în aplicare (UE) Nr. 170/2013. Nr. de ordine [numărul de ordine se va introduce în conformitate cu articolul 2 alineatul (3) din respectivul regulament]

— *bis-Slovakk:* Dovoz s clom 98 EUR za tonu surového trstinového cukru štandardnej kvality na rafináciu v súlade s článkom 2 vykonávacieho nariadenia (EÚ) č. 170/2013. Poradové č. (poradové číslo sa doplní v súlade s článkom 2 ods. 3 uvedeného nariadenia)

— *bis-Sloven:* Uvoz po dajatvi 98 EUR na tono surovega trsnega sladkorja standardne kakovosti za rafiniranje v skladu s členom 2 Izvedbene uredbe (EU) št. 170/2013. Zaporedna številka (vstaviti v skladu s členom 2(3) navedene uredbe)

— *bil-Finlandiż:* Puhdistettavaksi tarkoitetun vakiolaatuisen raa'an ruokosokerin tuonti, josta kannetaan 98 euron tonnilta täytäntöönpanoasetuksen (EU) N:o 170/2013 2 artiklan mukaisesti. Järjestysnumero (järjestysnumero lisätään kyseisen asetuksen 2 artiklan 3 kohdan mukaisesti)

— *bl-Isvediż:* Import till en tullsats av 98 euro per ton rårörsocker av standardkvalitet för raffinering i enlighet med artikel 2 i genomförandeförordning (EU) nr 170/2013. Löpnummer (löpnummer ska anges enligt artikel 2.3 i den förordningen)

— *bil-Kroat:* Uvoz uz carinu od 98 EUR po toni sirovog šećera od šećerne trske za rafiniranje standardne kakvoće u skladu s člankom 2. Provedbena uredba (EU) br. 170/2013. Redni br. (redni broj treba umetnuti u skladu s člankom 2. stavkom 3. te Uredbe)